MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 2389/2003

**Waldonet Limited**
**vs**

**Hix Travel Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Novembru 2003 fejn is-socjeta attrici qed titlob sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta erba mija u tlieta u tletin lira u tlettax il-centezmu (Lm433.13) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut ghal servizz ta internet connectivity provdut mis-socjeta attrici.

Bl-spejjes inkluzi dawk ta mandat ta qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma dan l-att u bl-interessi legali mit-30 ta Ottubru 2002 kontra s-socjeta konvenuta li d-diretturi taghha jinsabu ngunti ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta prezentata fid-9 ta Frar 2004 fejn ikkontestat t-talba attrici stante li qed tallega li huma baqghu ma nghatawx is-servizz allegat.

Ezamina l-provi migjuba quddiemu u d-dokumenti esbiti.

Ikkunsidra.
Jackie Gauci ghas-socjeta attrici ikkonfermat li s-servizz ta l-internet connectivity kien fil-fatt gie provdut lis-socjeta konvenuta kif suppost kellu jirrizulta mid-dokumenti minnha prezentat u markat Dok JG1 a fol 15 tal-process li kien jirreferi biss ghall-ammonti mhux imhallsa mis-socjeta konvenuta. Christopher Calleja direttur tas-socjeta attrici jghid li meta nnotaw li s-socjeta konvenuta kellha d-dejn maghhom, kienu waslu ghal ftehim li dan l-istess dejn jigi paccjut ma valur ta servizzi li s-socjeta attrici kienu ser jiehdu minn ghandhom bhal titjiriet. Fil-fatt jirrizulta mill-istess document a fol 15 tal-process li kien gia beda jigi esekwit dan il-ftehim stante li saru xi set-off's. (Vide Dok CC1). Meta sar tentattiv iehor biex tinghata tpacija ulterjuri ma xi titjira ohra s-socjeta konvenuta rrifjutat u ghalhekk is-socjeta attrici baqghet bl-odjern bilanc favur taghha. Sa fejn jaf hu l-unika ilment tas-socjeta konvenuta fil-konfront taghhom kien il-ghaliex kien jigi sospiz is-servizz pero dan ix-xhud ikompli jispjega li dan kien isehh minnhabba l-fatt li s-socjeta konvenuta ta sikwit kienet tkun tard fil-pagamenti taghha.

Henry Xuereb ghas-socjeta konvenuta jammetti li s-socjeta attrici kienet tipprovdilhom b'servizz u jikkonferma wkoll li huma kienu jzommu lura fil-hlas tal-ammonti minnhom dovuta peress li ma kienux kuntenti b'tali servizz. Jikkonferma wkoll li kien sar jaf li kien minnu li l-problema ta dewmien kienet kagunata principalment minn naha tal-Maltacom. F'ebda hin dan ix-xhud ma jinnega l-bilanc minnu dovut –anzi jghid li kien offra li jhallas nofsu minnhabba l-problema fis-servizz pero s-socjeta attrici insistiet li tithallas ta kollox.

Illi in vista ta dawn il-provi li gew prodotti quddiemu kif hawn fuq raportati, t-Tribunal ma jara ebda raguni il-ghala

t-talba tas-socjeta attrici ma ghandhiex tigi milqugha partikolarment meta tqis il-meritu ta l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi qed jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma rikjesta ta Lm433.13 b'dan illi l-imghaxijiet legali ghandhom jiddekorru mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------